MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1557/2004

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' estera ta' The Performing Right Society ta' Londra, Ingilterra**

**vs**

**N. & M. Trading Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Awissu, 2004 fejn intalab il-hlas ta' mija u tnejn u tletin lira Maltija u disgha u tmenin centezmu (Lm132.89) kwantu ghal mija u tnax-il lira u tnejn u sittin centezmu (Lm112.62) Royalty dovuta bil-quddiem ghall-perjodu mis-6 ta' Dicembru, 2003 sal-5**

**ta' Dicembru, 2004, in konnessjoni mal-licenzja Nru. 10362 (Dok A) rilaxxjata mis-socjeta` attrici a favur tal-konvenut, b'liema licenzja l-konvenut qieghed jigi moghti d-dritt li jxandar lill-pubbliku muzika tutelata fl-istabbiliment "Mohan's", Valletta, u ghoxrin lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm20.27) Taxxa fuq il-Valur Mizjud.**

**Is-socjeta' attrici qieghda titlob ukoll il-hlas tal-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data ta' l-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez ta' l-avviz, komprizi dawk tal-ittra legali tat-28 ta' Frar, 2003 u 28 ta' Frar, 2004, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fis-26 ta' Ottubru, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' mija u tnejn u tletin lira Maltija u disgha u tmenin centezmu (Lm132.89) bl-imghaxijiet kummercjali mit-28 ta' Frar, 2003.**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tat-30 ta' April, 2003, u tat-30 ta' April, 2004, kontra s-socjeta` konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------